# REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 29 / 2012

Data u hin

Il-Laqgha Nru 29/2012 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret l-Erbgha, 23 ta' Mejju, 2012 fis-6.00pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Is-Sur Justin John Camilleri | Sindku Isla |
| Is-Sinjorina Alison Zerafa | V/Sindku Bormla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sinj. Davina Sammut Hili | Sindku Floriana |
| Is-Sur Michael Cohen | Sindku Kalkara |
| Il-Perit Edric Micallef | Sindku M'Xlokk |
| Is-Sur Anthony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Valletta
Sindku Birgu
Sindku M'Scala
Sindku Paola

**Assenti :**
Sindku Marsa
Sindku Zejtun

Il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.30pm.

**29.1 Audited Finanacial Statements 2010-2011**

Audited Financial Statements U Ittra ta' Direzzjoni

Hekk kif bdiet il-laqgha, il-President prezenta kopja tal-Audit Report and Financial Statements ghas-sena 2010-2011 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) 2010-2011 u talab li l-Agenda tigi sospiza sabiex jistieden l-Accountants tar-Regjun, Mazars, lis-Sur Alan Craig u s-Sur Ramon Cutajar prezenti, biex flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, setghu jispjegaw kull paragrafu mqajjem fl- Ittra ta' Direzzjoni tal-Awdituri u r-risposta tar-Regjun.

Wara li dawk kollha prezenti segwew l-ispjega ghad-disgha punti mqajjma mill-Awdituri u r-risposta mressqa mir-Regjun, approvaw unanimament ir-risposta ghall-ittra ta' Direzzjoni mill-Awditur li sejra tintbaghat skond ir-regolamenti. Dawn id-dokumenti huma hawn annessi markati Dok 29.1.

Hawnhekk tqajjem il-punt dwar li ghandu jkun hemm budget rivedut u li jithejja Quarterly Financial Report. Fil-fatt dan kien qed jigi mhejji u pjanat li jigi prezentat waqt din il-laqgha.
Kien gie propost Budget rivedut d' *data* xentifika fuq kontravenzjonjiet mifruxa fuq l-ahhar tlett snin u li gie diskuss mad-Direttur (DLG) meta r-Regjun talab ghajnuna finanzjarja lid-Dipartiment.
Rigward il-Quarterly Financial Report ta' min jinnota li kien hemm deposit tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kien ghadu mhux trasferit fuq is-software tat-Datatrak (LES Reconcillation) u li minhabba f' hekk ma setghax jigi konkluz ir-rapport tar-rikoncilljazzjoni. Meta dan it-trasferiment jigi kjarifikat, tkun tista tinghalaq ir-rikonciljazzjoni ta' Frar, u tax-xhur sussegwenti, b' rizultat li jkun jista' jigi finalizzat il-Quarterly Financial Report.
Dawk prezenti qabblu li jekk jirrizulta minn dawn il-Quarterly Reports li r-Regjun ghandu aktar spejjez milli dhul, ghandu jsir ftehim mad-Dipartment dwar ghajnuna finanzjara.
Kienet diga saret talba lid-Dipartiment ghal ghajnuna finanzjarja. Id-Direttur, f' komunikazzjoni tal-5 t' April 2012, gharraf lir-Regjun li t-talba li ghamel dwar self biex jirkupra temporanjament mis-sitwazzjoni finanzjarja prezenti, kienet ser tigi diskussa, waqt management meeting li kien imiss ma' l-ufficjal responsabbli mill-Finanzi, izda sal-lum ma kien hemm ebda risposta anke wara reminder.

**29.2** Approvazzjoni tal-Minuti

## Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 28/2012 mizmuma fl-20 t' April 2012 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.
Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**29.3**

## Korrispondenza

29.3.1 Monitoring Unit

### Monitoring Unit (DLG)

Ir-Regjun ircieva korrispondenza minghand il-Monitoring Unit (DLG) fit-30 t' April 2012, fejn ingibditlu l-attenzjoni dwar laqghat li ma sarux fi zmien stipulat, dwar kworum u attendenza tal-membri. Regjun Xlokk ha nota ta' din il-kommunikazzjoni, u filwaqt li jiskuza ruhu ghall-akkadut, ghall-prezent u l-futur, ser jara li l-laqghat jitmexxew skond l-Artikoli stipulati fil-kommunikazzjoni. L-Artikoli indikati taw stampa aktar cara ta' dak li tipprovdi l-Ligi peress li l-Artikoli kienu qed jigu interpretati mod iehor. Dan id-dokument hu hawn annessi markat Dok 29.3.1.

## 29.4 Punti Mqajjma

### 29.4.1 LES

29.4.1.1

### Tender Warden Services

Il-Kumitat ta' agudikazzjoni illum prezenta r-rapport finali fejn irrikomandaw li t-tender ghandu jinghata lil Sterling Security Ltd. Tender Warden Services
Il-Membri gew mgharfa mis-Segretarju Ezekuttiv li membru tal-Agudikazzjoni ma

ffirmax ir-rapport finali, mhux ghax ma qabilx fuq l-ghazla, izda peress li qieghed jitlob li jkun imhallas tax-xoghol li ghamel billi attenda ghal madwar 17-il laqgha.
Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li indagat fuq dan il-hlas ma' diversi dipartimenti tal-Gvern u kollha qalu li membri, partikolarment ufficcjali pubblici, ma jithallsux. Il-President talab li ghandha ssir kommunikazzjoni mal-Onor. Ministru Dr Carm Mifsud Bonnici fuq dan, fejn ghandu jitlob li l-membri ta' dan il-bord jithallsu a spejjez tar-Regjun.
Il-Vici Sindku tal-Fgura ressaq mozzjoni sabiex dan il-Kumitat Regjonali jikkonsidra r-rapport tal-*Adjudication Committee* u filwaqt li jinnota li gie ffirmat mill-*Adjudication Committee* kollu - barra membru wiehed, mhux ghax ma qabilx mal-kumplament tal-kumitat, izda ghar-raguni li jhoss li kellu jigi kumpensat finanzjarjament ghax-xoghol li ghamel, dan il-kumitat ghandu jiddeciedi li japprova dan ir-rapport u li jitmexxa l-quddiem bl-implimentazzjoni tieghu. Din il-mozzjoni giet issekondata mis-Sindku ta' Haz-Zabbar u kien hemm qbil unamimu.
Peress li ghad hemm tlett ftehim li ghandhom *in vigore,* wiehed jiskadi f' Dicembru 2012 (Guard & Warden Service House Ltd- Kunsill Lokali Valletta), u tnejn ohra li jiskadu f' Ottubru 2012 (Aurelia Enforcement Ltd – Kunsill Lokali Floriana u Kunsill Lokali Marsa), kif ukoll proceduri legali kontra r-Regjun fil-Qorti Civili fuq dan l-istess tender (sentenza mistennija f' Ottubru 2012 quddiem l-Imhallef R C Pace), ghanda ssir komunikazzjoni immedjata mad-Direttur (DLG), qabel ma jigu nfurmati l-partijiet interessati, u dan sabiex jidderigi lir-Regjun fuq din il-kustjoni qabel ma tohrog l-Acceptance of Tender, in vista tar-riperkussjonijiet li jistghu jinqalghu jekk jinghata t-tender.

29.4.1.2 **Tender Authorised Officer Services** AO Tender

Il-Kumitat ta' agudikazzjoni illum prezenta r-rapport finali fejn irrikomandaw li t-tender ghandu jinghata lil Toad Management Services Ltd. Dawk kollha prezenti unanimament regghu ikkonfermaw il-minuti ta' dik is-seduta u ghalhekk gew rikonfermati l-membri tal- kumitat tal-agudikazzjoni ta' dan it-tender.
Peress li ghad hemm ftehim *in vigore* li jiskadi f' Ottubru 2012, ghanda ssir komunikazzjoni immedjata mad-Direttur (DLG), qabel ma jigu nfurmati l-partijiet interessati, sabiex jidderigi lir-Regjun fuq din il-kustjoni qabel ma tohrog l-Acceptance of Tender, in vista tar-riperkussjonijiet li jistghu jinqalghu jekk jinghata t-tender.

29.4.1.3 **Haddiema tat-Tribunali** Haddiema tat-Tribunali

Ir-Regjun ghadu qieghed jistenna lid-Dipartiment jawtorizzah biex il-haddiema li kien hemm fit-Tribunali jigu integrati mieghu. Fis-sitwazzjoni prezenti, hekk kif jibdew in-nofs ta' nhari, dawn il-haddiema ser jithallsu pro rata.

29.4.1.4 **Laqgha Amministrattiva** Laqgha Amministrattiva

Il-Laqgha Amministrattiva tar-Regjun ser tinzamm is-Sibt, 14 ta' Lulju 2012. Ingabru kwotazzjonijiet ghal dan l-avveniment u dawk prezenti unanimamanet qabblu li ghandu jinhatar sotto-kumitat biex jevalwawhom, li ghandu jkun maghmul mill-President, is-Sindku/Vici Sindku ta' Bormla, is- Sindku tax-Xghajra u s-Segretarju Ezekuttiv.

29.4.1.5 **Datatrak** Hlas dovut lil Datatrak u ftehim

Is-Sindku tal-Kalkara (President AKL) spjega lil dawk prezenti dwar hlasijiet dovuti lil Datatrak minn meta giet delegata l-LES favur ir-Regjuni. Sal-lum ir-Regjun hallas lil-Datatrak sa' Dicembru 2011. Il-Performance Rate baqghet bl-istess rata minn meta bdiet is-sistema, allura r-Regjun spicca bi spiza gholja meta wiehed iqis li d-dhul kien ghadu jibda. Saru diversi laqghat bejn Datatrak, ir-Regjuni, l-LES Steering

Committee u l-AKL.
L-Authorised Officer tar-Regjun, is-Sur John Bonavia, hadem bi shih fuq dan l-argument u rnexxielu jfassal proposta ragonevoli ghal partijiet kollha u li ghandha tkun accettabbli ghal kull hadd.
Giet ikkunsidrata wkoll in-nefqa teknika li ghamlet Datatrak sabiex tasal ghall-implimentazzjoni tal-reconcillation tal-LES u tibdil iehor fis-software favur ir-Regjun, li ser tinvolvi inqas xoghol amministrattiv u li tikkumplimenta awditjar aktar trasparenti u b' inqas spejjez.
Hemm hsieb li jitlahaq ftehim, jekk ir-Regjun jaqbel ma' din il-proposta segwenti, li dawn il-kontijiet, li minn Settembru 2011 sa Marzu 2012 ammontaw ghal €84,856.88 (inkluz VAT), ir-Regjun jifranka 10% dirett mit-total imsemmi - ekwivalenti ghal madwar €8775.89. Apparti minhekk ser tinghata skont ta' 20% mill-ispiza involut biex jinbidel is-software li kellu jsit f' dan ir-rigward. Fi ftit gimghat ohra, din il-Performance Rate mistennija li tilhaq il-massimu. Jekk ir-Regjun jasal biex jaqbel ma' din il-proposta, Datatrak toffri kuntratt gdid.
Dawk prezenti unanimament qabblu ma' din il-proposta.
Is-Sindku tal-Kalkara semma wkoll kif qed isiru arrangamenti ma' Bank of Valletta sabiex ir-riconcillation tal-LES ma' Datatrak tigi verament facilitata u tifranka hafna hin amministratiiv u wkoll tnaqqas drastikament l-uzu tal-karti.
Semma proposta ohra li qed tahdem fuqha l-AKL – dik tal- Administartation Fee ta' 10% dovuti mir-Regjun favur il-Kunsilli Lokali fejn jithallsu l-kontravenzjonijiet. 10% Adm Fee lill-Kunsilli Lokali
Illum il-hlas ta' din l-10% tinvolvi hafna xoghol amministrattiv. Bis-sistema proposta, li tixbah lil dik tal-*on-line payments*, l-AKL tipprocessa l-hlas direttament billi tghati 10% lill-Kunsill koncernat, 1% lill-AKL ghall-amministrazzjoni u 89% jigu depozitati fil-kont tar-Regjun.
L-AKL qed tahdem ukoll biex tigi solvuta il-kustjoni tal-LTD, fejn flus dovuti lir-Regjun gew imqassma lill-Kunsilli Lokali tar-Regjun peress li ma kienx preparat software biex jipprocessa din is-sistema. Din ser issir bil-koperazzjoni ta' l-LTD, Datatrak u MITA. Sal-lum LTD ghaddiet dan il-hlas lill-Kunsill Lokali tar-Regjun u kien biss il-Kunsill Lokali tal-Fgura li ghadda dawn il-flus lir-Regjun. Hlas dovut minn LTD

29.4.1.6 **Kopji ta' Tender u Agreements**

Sal-lum is-Segretarju Ezekuttiv ghada tipprova tigbor kopji ta' Tenders u Agreements biex ikun jista jsir hlasijiet ghal servizzi marbuta mal-LES. Gie infurmat id-Direttur (DLG) peress li jidher li hemm minnhom li ma nstabu mkien u bosta ohrajn li mhux iffirmati. Kopji ta' Ftehim/Tenders

29.4.1.7 **Prosekutur – Tribunal Lokali taz-Zejtun**

Il-Prosekutur tat-Tribunal taz-Zejtun, Dr Joe Mifsud informa lil-President tar-Regjun fil-25 t' April 2012, li gie mahtur Kummissarju tal-Gustizzja. Prosekutur Tribunal Lokali taz-Zejtun
Meta gie nfurmat id-Dipartiment, informa lir-Regjun biex johrog tender. Pero l-process ta' hrug u agudikazzjoni ta' Tender idum xi ftit, allura r-Regjun talab lid-Dipartiment li dan is-servizz jinghata ghalissa b' Direct Order biex ikun hemm kontinwazzjoni fit-Tribunal. Id-Dipartiment approva din it-talba. Din id-Direct Order inghata lill- Dr Marc Sant, bir-rata ta' €30 kull seduta. Dr Marc Sant kien jissostitwixxi lil Dr Joe Mifsud stess meta dan kien ikun indispost. Dawk prezenti qabblu ma' dan u li sussegwentement ghandu johrog it- tender ghall-Prosekutur.

29.4.1.8 **Ufficcju Regjonali**

Saret sejha ghall-kwotazzjonijiet kif kien mitlub fl-ahhar laqgha amministrattiva. Kien hemm konkorrenza tajba u dawk prezenti qabblu li jinhatar sotto-kumitat biex jevalwawhom, u li ghandu jkun maghmul mill-President, is-Sindku/Vici Sindku ta' Ufficcju Regjonali Kwotazzjonijiet

Bormla, is- Sindku tax-Xghajra u s-Segretarju Ezekuttiv.

## 29.5 Affarijiet Finanzjarji

29.5.1 **Hlasijiet**

Hlasijiet

Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*.

29.5.2. **Sitwazzjoni Finanzjarja**

Sitwazzjoni Finanzjarja

Sal-lum wara l-komunikazzjoni tal-5 t' April 2012, wara management meeting mal-ufficjali responsabbli ghall-Finanzi u intbaghtet reminder, sal-lum id-Direttur ghadu ma rrispondiex lir-Regjun dwar it-talba ta' self.

## 29.6 Affarijiet Ohra

29.6.1 **Sterling Security Ltd**

Gholi fit-tariffi Fis-Servizz tal-Wardens

L-Authorised Officer gibed l-attenzjoni tar- Regjun peress li meta din il-kumpaniija talbet biex tgholli il-prezzijiet taghha, fl-invoice t' April din il-kumpanija kwotat prezzijiet differenti ghat-Tribunal tal-Fgura (€19.79) u dak taz-Zejtun (€21.17).
Din l-istess kumpanija talbet zieda fil-prezz fl-uzu tal-karozzi permezz ta' korrispondenza tal-24 t' April 2012, u sar meeting mal-President u s-Segretarju Ezekuttiv.
Il-President qal li peress li din il-kumpanija ser tigi mghotija t-tender, dawn ser jigu sorvolati.

29.6.2 **ECO Wardens**

ECO Wardens

Saret talba mis-Sindku tal-Isla ghal-ECO Wardens fil-lokalita' tieghu. Il-President informah li hafna mill-Kunsilli jridu ECO Wardens u peress li t-tender tal-Warden Services appik li jigi moghti, wiehed irid jistenna ftit iehor biex ssir evalwazzjoni tal-dawn il-bzonnijiet minn kull Kunsill.
Is-Sindku tal-Kalkara gibed l-attenzjoni, li qabel ma r-Regjun jibda l-implimentazzjoni ta' ECO Wardens, ghandu jigi kkunsidrat jekk ir-Regjun hux f' pozizzjoni li jidhol ghall-ispiza marbuta ma' din is-sistema.

## .29.7 Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament

Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm l-Erbgha, 20 ta' Gunju 2012, fis-6.00 pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Chev. Paul Farrugia** | **M' Lourdes Lautier** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum _______________, _______ ta'__________________2012.
(Jum) (Data) (Xahar